# Id-devozzjoni lejn ir-relikwija tax-Xewka

Lejn tmiem is-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax xegħlet f'Malta u Għawdex devozzjoni kbira lejn relikwiji u vari marbuta mal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu.

Il-ħmira li kabbret din id-devozzjoni kienu żewġ relikwiji li l-Kavallieri kienu ġabu magħhom mill-gżira ta' Rodi. L-ewwel waħda kienet ir-relikwija tal-Verulinju li kienet tikkonsisti minn **Skalda** mis-Salib li fuqu kien hemm imsammar Sidna Ġesù Kristu.

It-tieni relikwija kienet **Xewka**, li skont tradizzjoni qadima kienet parti mill-kuruna tax-xewk li tqiegħdet fuq ras Sidna Ġesù Kristu matul il-Passjoni. Matul ir-Randan kienu jmorru jivvenerawhom fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, folol kbar ta' nies.



Teżisti xhieda dokumentata dwar din ix-**Xewka mċappsa bid-Demm ta' Kristu** reġistrata fl-*Atti* tal-Kunsill Ġenerali tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li kien sar f'Ruma bl-ordni tal-Papa Ewġenju IV fis-sena 1446. Iktar minn darba, skont dan id-dokument, din ix-**Xewka** kienet wardet, jiġifieri ħarġet minna warda, f'nofsinhar tal-Ġimgħa l-Kbira.

Wara li r-relikwija kienet tintwera lin-nies u titpoġġa f'postha, il-warda kienet tinxef. Din ir-Relikwa tinżamm f'ostensorju filegran tad-deheb u fidda b'kuruna tax-xewk maħduma b'ħabel tad-deheb mogħti minn katina li kellu l-Isqof Fra Paul Alpheran de Bussan mdawwra b'xogħol fin b'salib griek fuqha. Din ġiet regalata mil-Inkwiżitur Antonio Ruffo f'1727 u eventwalment mill-Isqof Fra Alpheran de Bussan tal-Kavallieri ta' Malta.

**Nota***: Din is-sena għall-festa speċjali fl-għeluq il-25 sena anniversarju tal-Inkurunazzjonu tal-Inkwadru Titulari u tal-125 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja, ħsibna li nġibu Relikwa unika u speċjali u ta' importanza kbira mit-Tezor tal-Katidral tal-Mdina, Malta li hawn fuq hawn it-tifsira tagħha. Għandna il-pjaċir ngħidu li din ir-Relikwa ħarġet għall-ewwel darba mit-Tezor għal qima tal-poplu tal-Fontana u ta' kulħadd.*

*Ħajr lill-Kapitlu tal-Katidral Metropolita l-Imdina, Malta, kif ukoll lir-Reverendi Mons Edgar Vella u lil Mons Joseph Bezzina minn Għawdex tal-ispjegazzjoni fuq ir-Relikwa.*

*L-Ispejjes ta' din il-paġna ġew offruti minn Dun Ġorg Vella, Mons Salv u Maria Tabone b'sufraġġju għal familjari tagħhom u l-erwieħ tas-Saċerdoti.*